

# L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina rebbieħa tal-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru 2023

L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina kienet l-għaqda li rebħet il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru li kien imtella' fl-aħħar t'April u l-bidu ta' Mejju 2023. Dan il-festival kien organizzat f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, bil-qofol tiegħu jkun fl-aħħar serata fil-Port il-Kbir.

Waqt dan il-festival prestiġjuż jieħdu sehem diversi kmamar tan-nar, kemm minn Malta kif ukoll minn pajjiżi minn madwar id-dinja. Fost pajjiżi oħra, din is-sena pparteċipaw kmamar tan-nar mill-Italja, is-Serbja, il-Polonja u r-Rumanija. Għalhekk, ir-rebħ ta' dan il-festival hu sinjal ta' livell għoli ta' preparazzjoni u eżekuzzjoni ta' xogħol artistiku tal-aqwa livell.

L-Għaqda Mużikali Imperial tifraħ lill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina li rnexxielha turi t-talenti u l-abbiltajiet tal-membri tagħha fil-logħob tan-nar tal-ajru u tirbaħ dan il-festival. Nawguraw iktar suċċessi fil-futur lil din l-għaqda sabiex tkompli tgħolli isimha u isem il-Mellieħa. Prosit tassew!




*(Sors: https://www.facebook.com/maltafireworks)*




*(Sors: Maltadaily.mt; Ritratt: Norbert Vella)*

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**